MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 69/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Camilleri talli fit-12 ta' Dicembru 2005 ghall-habta ta' 6.35 a.m., fi Triq Benghajsa, Birzebbugia, saq vettura Nru. EAO-253 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Bonnici skond kif iccertifikat Dr. Juanita Formosa M.D. (Reg. 2823) ta' S.L.H.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Carmel Camilleri jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Frar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Camilleri hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 u l-artikoli 17(b) u 226(b) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal multa ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) u ordnat li jkun skwalifikat milli jzomm licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ tliet xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Carmel Camilleri pprezentat fil-21 ta’ Frar 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li jigi dikjarat mhux hati u lliberat minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u, minghajr pregudizzju, f’kaz li ma tintlaqax din it-talba, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Fid-dawl tal-provi prodotti l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib htija fih; (2) Ma giex ippruvat sodisfacentement il-hin ta’ l-incident, element essenzjali sabiex tista’ tinsab htija; (3) L-appellant huwa ferm familjari ma’ l-inhawi peress illi jmur f’ghalqa tieghu fl-inhawi kuljum. Huwa jaf l-inhawi bl-amment. L-inhawi fejn sehh l-incident jaghmluha prattikament impossibbli li jsuq b’velocita` eccessiva. Huwa uza d-diligenza kollha mehtiega u kienet il-*pedestrian* li ma uzatx tali diligenza ghax kienet miexja fin-nofs tat-triq; (4) Hemm konflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni peress illi t-tabiba ddeponiet li Mary Bonnici sofriet ksur fis-sieq tax-xellug filwaqt illi Mary

Bonnici xehdet li kellha griehi fuq in-naha tal-lemin. Ghalhekk jezisti dubju wkoll dwar liema naha tat-triq Mary Bonnici kienet miexja fuqha; (5) Il-piena hi eccessiva u l-problemi ta’ mobilita` li ghandu l-appellant jaghmlu l-licenzja tas-sewqan mehtiega.

L-ewwel erba’ aggravji jehtiegu apprezzament mill-gdid tal-provi u din il-Qorti semghet ix-xiehda mill-gdid u minnha jirrizulta s-segwenti:

**Mary Bonnici** xehdet li dakinhar ta’ l-incident kienet semghet il-quddiesa tas-sebgha ta’ filghodu u kienet sejra bil-mixi ghand it-tifla taghha. Kienet meixja mal-hajt fuq in-naha tax-xellug u f’daqqa u l-hin giet karozza minn warajha u waqqghetha. Mit-triq jghaddu zewg karozzi komdi. Dak il-hin ma dehrilhiex li kienet gejja karozza ohra. Hija rat is-sinjali tar-roti tal-karozza li laqtitha mal-hajt. Wara li l-karozza waqqghetha ghaddiet minn fuq sieqha tax-xellug u baqghet sejra izda mbaghad waqfet u regghet lura. Talbet lis-sewwieq jehodha d-dar izda kien hemm mara li kienet ghaddejja mit-triq u ghamlitha mal-hajt. Ir-ragel li li kien laqghetha kellimha u qallha li “bix-xemx ma rajtekx”. Giet l-ambulanza li haditha l-Isptar u sabulha ksur fl-ghaksa tax-xellug u ghadha bil-boltijiet. Ghamlet il-massaggi u ghadha tiehu xi medicina meta tkun mugugha. Jekk kien hemm haxix, dan kien ezatt mal-hajt tas-sejjiegh. L-Isptar ghamlet gimgha u tmien gimghat id-dar ma ticcaqlaqx. Fejn gara l-incident it-triq kienet “dritta imma forsi xi ftit mghawga”. Hija ntlaqtet fuq in-naha tal-lemin, waqghet u ma setghetx tikkontrolla lilha nnifisha. Meta giet biex tqum ma setghetx. Il-hin kien xis-sebgha u nofs u hamsa. Kienet gurnata sabiha u jista’ jkun li kienet ix-xemx.

**Dr. Juanita Formosa** xehdet illi kienet l-Emergenza fl-Isptar San Luqa meta ddahhlet Mary Bonnici wara li kienet ittajret minn karozza. Kienet dahlet b’ugigh f’sidirha fin-naha tax-xellug, tbengila fin-naha ta’w ara ta’ rasha fejn l-iskutella u nefha u ksur fl-ghaksa tax-xellug. Hija ccertifikat il-griehi bhala ta’ natura gravi.

**P.C. 829 Alan Dougall** xehdd illi fit-12 ta' Dicembru 2005 ghall-habta tat-8.10 a.m. sar rapport fis-sens li mara kienet ittajret fi Triq Benghajsa, Benghajsa. Mar fuq il-post u sab mara ma' l-art u karozza li kienet tajritha. Il-mara kienet Mary Bonnici u l-karozza kienet Hillman Hunter numru EAO-253 li kienet misjuqa minn Carmel Camilleri li kien fuq il-post ukoll. Huwa gharaf l-appellant bhala l-imsemmi Carmel Camilleri. Ix-xhud qal li l-verzjoni lit a l-appellant kienet li huwa kien tiela' u ma setax jara bix-xemx u mument minnhom sema' daqqa mal-karozza u ra lil Bonnici ma' l-art. Qal ukoll li l-mara kienet qed taqsam. It-triq hija mghawga kollha u tinsab bejn l-ghelieqi u jghaddu zewg karozzi nkaxxati. Il-hitan huma tas-sejjiegh. Mal-hitan ma nnota xejn. Bankini ma hemmx. It-triq kollha hofor. Mary Bonnici qaltlu li kienet tiela' man-naha tax-xellug meta f'mument minnhom sabet ruhha ma' l-art wara li ntlaqtet minn karozza. In kontro-ezami qal li meta mar fuq il-post, il-mara kienet ma' l-art u bdiet thoss ugiegh f'saqajha. Kienet fuq gebla l-istess naha fejn qalghet id-daqqa. Fejn kienet hi t-triq hi bicca dritta mbaghad kif taqbez lilha t-triq kienet mghawga. Ma jiftakarx kienx hemm ammont ta' haxix folt imxarrab bin-nida mal-hajt izda normalment jikber xi haxix mal-hajt.

**P.S. 1312 Adrian Sultana** kkonferma li kien ircieva rapport dwar l-incident minghand P.C. 829.

**L-appellant Carmel Camilleri** xehed li dakinhar kien tiela' bhas-soltu bil-karozza tieghu u fil-kisra ezatt giet ix-xemx f'ghajnejh, tefa' siequ fuq il-brejk u kif ghamel siequ fuq il-brejk sema' "bum". Waqaf u sab lil Mary Bonnici fl-art. Mal-hajt kien hemm hafna haxix u anke gebel. Hija kienet miexja fuq in-naha tax-xellug izda ma jahsibx li kienet miexja mal-hajt. Kien miexi bi speed ta' xi hmistax jew hamsa u ghoxrin gahx hemm bil-mod peress li t-triq qieghda perikoluza. It-triq kuljum jiutla' u jinzel minnha ghax ghandhom razzett u raba. Ilu jitla' mit-twelid u qatt ma kellu incidenti. It-triq bid-dawriet u lil Mary Bonnici laqatha fil-kisra. Kien hemm ix-xemx go wiccu. Il-hin kien xit-7.40 a.m. Waqaf u nizel mill-ewwel u sab lil Mary Bonnici bilqieghda fl-art. Dak il-hin ma setax jara bix-xemx. In kontro-ezami qal li ghafas il-brejk kif giet ix-xemx

f'ghajnejh. Mistoqsi jekk meta kien hemm ix-xemx f'ghajnejh baqax isuq imbagahd sema' l-"bum" wiegeb "Le u waqaft mill-ewwel kif smajt il-'bum'". Insista li laqat lil Bonnici fejn hemm il-liwja. Laqatha bin-naha tax-xellug. Raha meta nizel mill-karozza. Lill-pulizija li gie fuq il-post qallu li Bonnici kienet qalet li qasmet. Hu ma rahiex taqsam. Fl-ebda hin ma raha.

Issa, permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant jghid li ma giex ippruvat sodisfacentement il-hin ta' l-imputazzjoni. Fic-citazzjoni l-hin huwa ndikat bhala "ghall-habta ta' 6.35 a.m." Mill-provi jirrizulta li l-hin ta' l-incident kien bejn is-7.35 a.m. u 7.40 a.m.

F'dan ir-rigward huwa rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija** vs **Joseph Buttigieg** *fil-25* ta' Lulju 1994, intqal:

"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.*** (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data ii jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art.360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera

imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, ii l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet **I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Buttigieg:**

“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.

.....

Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' talproceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”

Fil-kaz in ezami, huwa minnu li hemm differenza bejn il-hin indikat fic-citazzjoni u l-hin meta gara l-incident. Pero`, apparti li d-differenza hi wahda minima, fic-citazzjoni stess hemm il-kliem “ghall-habta ta'” u l-appellant ma kellu u ma ghandu l-ebda dubju dwar liema incident huwa tela' biex

jiddefendi ruhu dwaru. Ghalhekk it-tieni aggravju huwa wiehed fieragh.

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant jghid li kienet il-*pedestrian* li ma uzatx id-diligenza rikjesta minn persuna li tkun ghaddejja minn triq isserrep fl-ghelieqi, u li kienet miexja fin-nofs tat-triq.

Issa, il-fatt li ma kienx hemm bankini fit-triq fejn gara l-incident ma jfissirx li ma jistghux jghaddu *pedestrians* minn dik it-triq izda, proprju minhabba n-nuqqas ta' bankini, dawn ghandhom id-dover li juzaw dik il-prudenza mehtiega biex jevitaw sinistri.  Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero`, dan ma jassolvix lis-sewwieq tal-vettura milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet krejata mill-*pedestrian* lis-sewwieq, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitaneja imprevedibbli li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Formosa,** Vol. XLIII.iv.1023). F'sentenzi ohra gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitaneja tavvera ruhha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Thornton**, Vol. XLV.iv.920) jew meta "*pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain**, Vol. XLVI.iv.765).

Mill-banda l-ohra gie wkoll ritenut li sewwieq ma jistax jissolleva b'success id-difiza ta' l-emergenza subitaneja meta l-emergenza jkun holoqha hu (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Capt. Arthur Gera**, Vol. XLII.iv.1542). Dan ghaliex f'kaz simili s-sewwieq ikun qieghed isofri minn *self-inflicted incapacity*, effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

Gie ukoll dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor (Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Gaetano Schembri**, 16 ta' Marzu 1961; **Il-Pulizija v. John Polidano**, 3 ta' Novembru 1963; **Il-Pulizija v. Rev. Carmelo Mifsud**, Vol. XXXVII.iv.1131; u ohrajn). Dan ghaliex in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Paul Vassallo**, Vol. XXXVIII.iv.883).

Fil-kaz in ezami, l-appellant jaghti diversi verzjonijiet dwar x'kienet qed taghmel Mary Bonnici. Lil P.C. 829 Alan Dougall qallu li l-mara li laqat kienet qed taqsam. Fir-rikors ta' appell jghid li kienet miexja fin-nofs tat-triq – u dan minhabba l-haxix li jghid li kien hemm ma' genb it-triq. Meta xehed quddiem din il-Qorti mbaghad xehed li lill-pulizija qallu li kienet il-mara li qaltlu li kienet qed taqsam. Fil-fehma ta' din il-Qorti Mary Bonnici kienet biss miexja ma' genb it-triq, naturalment mhux imhaxkna mal-hajt, izda mhux tant 'il barra li kienet qieghda b'xi mod tostakola l-karreggjata. L-appellant jghid li ma rax lil Mary Bonnici minhabba x-xemx qawwija f'ghajnejh. Issa, f'sitwazzjoni bhal dik, sewwieq prudenti kien jiehu numru ta' prekawzjonijiet bhal, per ezempju, inizzel is-*sun-visor* u jirrallenta sew il-velocita` tieghu, jekk mhux ukoll jieqaf kompletament kif isib ruhu jew jintebah li ser isib ruhu f'dik is-sitwazzjoni. L-appellant jghid li kif giet ix-xemx f'ghajnejh "waqaft, tfajt sieqi fuq il-brejk" u kif ghamel hekk sema' "bum". Naturalment l-appellant mhux kredibbli meta jghid li waqaf kif giet ix-xemx f'ghajnejh ghax huwa waqaf wara li sema' l-"bum", cioe` wara li kien laqat lil Mary Bonnici. Dak li jippreokkupa lil din il-Qorti huwa l-fatt li l-appellant isostni li l-inhawi jafhom bl-amment, li ilu jghaddi minnhom minn twelidu, u ciononostante f'hin li kienet ix-xemx u zgur kien jaf – bhala persuna li jghaddi minn hemm kuljum – li f'certi pozizzjonijiet fit-triq se jkollu x-xemx f'ghajnejh, ma hax il-prekawzjonijiet minn qabel sabiex jevita incidenti. Wara kollox it-triq tintuza kemm min-nies kif ukoll mill-karozzi. P.C. 829 xehed illi lil Mary Bonnici sabha f'parti dritta tat-triq. Dan ifisser illi l-appellant kellu opportunita` jiehu l-prekawzjonijiet li din il-

Qorti rreferiet ghalihom qabel ma gie f'din il-parti dritta. Ghalhekk b'rizultat tan-nuqqas ta' hsieb tieghu l-appellant laqat lil Mary Bonnici waqt li kienet miexja fuq in-naha tax-xellug tat-triq u b'rizultat ta' hekk waqghet ma' l-art u ghadda minn fuq sieqha x-xellugija b'konsegwenti ksur fl-ghaksa tax-xellug – mill-provi li semghet din il-Qorti m'hemm l-ebda dubju, kif jipprova jghid l-appellant, la dwar fejn kienet miexja l-imsemmija Bonnici u l-anqas dwar fejn sofriet offizi.

Huwa minnu li huwa rakkommandabbli li f'toroq simili l-*pedestrian* jimxi fuq in-naha tal-lemin tat-triq sabiex ikun jista' jara l-*oncoming traffic*. Izda fic-cirkostanzi riskontrati f'dan il-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li l-kawza prossima ta' l-incident kienet in-nuqqas ta' prudenza ta' l-appellant minghajr ebda kontributorjeta` da parti ta' Mary Bonnici. Ghalhekk l-appell fil-merttu qieghed jigi respint u, stante li l-piena hi fil-parametri tal-ligi, ma tara l-ebda raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------